

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2012/424/PESK****tat-23 ta' Lulju 2012****li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

*Artikolu 1*

Il-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandhom jiżdiedu mal-lista stabbilita fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2011/782/PESK.

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/782/PESK <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(1) tagħha,*Artikolu 2*

Billi:

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(1) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2012.

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja, għandhom jiġu inklużi aktar persuni u entitajiet fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi kif imniżżla fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2011/782/PESK,

*Għall-Kunsill**Il-President*

C. ASHTON

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 319, 2.12.2011, p. 56.

## ANNEX

## Persuni u entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 1

## Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Brigadier Sha'afiq Masa		Direttur tal-fergħa 215 (Damas) tas-Servizz tal-Intelligence tal-Armata tal-Art. Responsabbli mit-tortura ta' avversarji detenuti. Jipparteċipa fir-repressjoni taċ-ċittadini.	24.7.2012
2.	Brigadier Burhan Qadour		Direttur tal-fergħa 291 (Damas) tas-Servizz tal-Intelligence tal-Armata tal-Art. Responsabbli mit-tortura ta' avversarji detenuti.	24.7.2012
3.	Brigadier Salah Hamad		Viċi Direttur tal-Fergħa 291 tas-Servizzi tal-Intelligence tal-Armata tal-Art. Responsabbli mit-tortura ta' avversarji detenuti.	24.7.2012
4.	Brigadier Muhammed (jew: Mohammed) Khallouf (magħruf ukoll bħala Abou Ezzat)		Direttur tal-fergħa 235 imsejja "Palestina" (Damas) tas-Servizz tal-Intelligence tal-Armata tal-Art, li tinsab fil-qalba tal-mezzi repressivi tal-armata. Jipparteċipa direttament fir-repressjoni tal-avversarji. Responsabbli mit-tortura ta' avversarji detenuti.	24.7.2012
5.	Maġġur Ġeneral Riad al-Ahmed		Direttur tal-fergħa ta' Lattaquié tas-Servizz tal-Intelligence tal-Armata tal-Art. Responsabbli mit-tortura u mill-qtil ta' avversarji detenuti.	24.7.2012
6.	Brigadier Abdul Salam Fajr Mahmoud		Direttur tal-fergħa ta' Bab Touma (Damas) tas-Servizz tal-Intelligence tal-Armata tal-Ajru. Responsabbli mit-tortura ta' avversarji detenuti.	24.7.2012
7.	Brigadier Jawdat al-Ahmed		Direttur tal-fergħa ta' Lattaquié tas-Servizz tal-Intelligence tal-Armata tal-Ajru. Responsabbli mit-tortura ta' avversarji detenuti.	24.7.2012
8.	Kurunell Qusay Mihoub		Direttur tal-fergħa ta' Deraa (mibgħut minn Damas għal Deraa fil-bidu tar-rewwixti f'din il-belt) tas-Servizz tal-Intelligence tal-Armata tal-Ajru. Responsabbli mit-tortura ta' avversarji detenuti.	24.7.2012
9.	Kurunell Suhail Al-Abdullah		Direttur tal-fergħa ta' Lattaquié tas-Servizz tal-Intelligence tal-Armata tal-Ajru. Responsabbli mit-tortura ta' avversarji detenuti.	24.7.2012
10.	Brigadier Khudr Khudr		Direttur tal-fergħa ta' Lattaquié tas-Servizz tal-Intelligence Ġenerali. Responsabbli mit-tortura ta' avversarji detenuti.	24.7.2012
11.	Brigadier Ibrahim Ma'ala		Direttur tal-fergħa 285 (Damas) tas-Servizz tal-Intelligence Ġenerali (issostitwixxa l-Brigadier Hussam Fendi fl-aħħar tal-2011). Responsabbli mit-tortura ta' avversarji detenuti.	24.7.2012
12.	Brigadier Firas Al-Hamed		Direttur tal-fergħa 318 (Homs) tas-Servizz tal-Intelligence Ġenerali. Responsabbli mit-tortura ta' avversarji detenuti.	24.7.2012

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
13.	Brigadier Hussam Luqa		Direttur tal-fergħa ta' Homs sa minn April 2012 (suċċesser tal-Brigadier Nasr al-Ali) tat-Tmexxija tas-Sigurtà Politika. Responsabbli mit-tortura ta' avversarji detenuti.	24.7.2012
14.	Brigadier Taha Taha		Responsabbli mis-sit tal-fergħa ta' Lattaquié tat-Tmexxija tas-Sigurtà Politika. Responsabbli mit-tortura ta' avversarji detenuti.	24.7.2012
15.	Brigadier Nasr al-Ali		Responsabbli mis-sit ta' Deraa sa minn April 2012 (ex-Direttur tal-fergħa ta' Homs) tat-Tmexxija tas-Sigurtà Politika. Responsabbli mit-tortura ta' avversarji detenuti.	24.7.2012
16.	Bassel Bilal		Uffiċjal tal-pulizija fil-ħabs ċentrali ta' Idlib; Ipparteċipa direttament f'atti ta' tortura fuq avversarji detenuti tal-ħabs ċentrali ta' Idlib.	24.7.2012
17.	Ahmad Kafan		Uffiċjal tal-pulizija fil-ħabs ċentrali ta' Idlib. Ipparteċipa direttament f'atti ta' tortura fuq avversarji detenuti tal-ħabs ċentrali ta' Idlib.	24.7.2012
18.	Bassam al-Misri		Uffiċjal tal-pulizija fil-ħabs ċentrali ta' Idlib; Ipparteċipa direttament f'atti ta' tortura fuq avversarji detenuti tal-ħabs ċentrali ta' Idlib.	24.7.2012
20.	Ahmed al-Jarroucheh	Data tat-Twelid: 1957	Direttur tal-fergħa esterna tal-Intelligence Ġenerali (fergħa 279). Bħala tali, huwa responsabbli mill-mezzi tal-Intelligence Ġenerali fl-ambaxxati Sirjani. Jipparteċipa direttament fir-repressjoni mill-awtoritajiet Sirjani tal-avversarji u huwa b'mod partikolari inkarigat mir-repressjoni tal-oppożizzjoni Sirjana barra mill-pajjiż.	24.7.2012
20.	Michel Kassouha (magħruf ukoll bħala Ahmed Salem; magħruf ukoll bħala Ahmed Salem Hassan)	Data tat-Twelid: 1 ta' Frar 1948	Membru tas-servizzi ta' sigurtà Sirjana sa mill-bidu tas-snin 1970, huwa involut fil-ġlieda kontra l-avversarji fi Franza u fil-Ġermanja. Sa minn Marzu 2006, huwa responsabbli mir-relazzjonijiet tal-Fergħa 273 tal-Intelligence Ġenerali Sirjana. Uffiċjal tat-Tmexxija storiku, huwa qrib tad-Direttur tal-Intelligence Ġenerali Ali Mamlouk, wieħed mill-uffiċjali ewlenin tas-sigurtà tar-reġim, soġġett għal miżuri restrittivi mill-UE sa mid-9 ta' Mejju 2011. Jappoġġa direttament ir-repressjoni mir-reġim tal-avversarji u huwa b'mod partikolari inkarigat mir-repressjoni tal-oppożizzjoni Sirjana barra mill-pajjiż.	24.7.2012
21.	Ġeneral Ghassan Jaoudat Ismail	Data tat-Twelid: 1960 Post tal-oriġini: Derikich, reġjun ta' Tartous.	Responsabbli mill-fergħa tal-missjonijiet tas-Servizz tal-Intelligence tal-Armata tal-Ajru, li f'kooperazzjoni mal-fergħa tal-operazzjonijiet speċjali, tmexxi t-truppi élite tas-Servizz tal-Intelligence tal-Armata tal-Ajru, li għandhom rwol importanti fir-repressjoni mir-reġim. Bħala tali Ghassan Jaoudat Ismail jagħmel parti mir-responsabbli militari li jwettqu direttament ir-repressjoni mir-reġim kontra l-oppożizzjoni.	24.7.2012
22.	Ġeneral Amer al-Achi (magħruf ukoll bħala Amis al Ashi; magħruf ukoll bħala Ammar Aachi; magħruf ukoll bħala Amer Ashi)		Gradwat mill-iskola tal-gwerra ta' Alep, Kap tal-fergħa tal-intelligence tas-Servizz tal-Intelligence tal-Armata tal-Ajru (sa mill-2012), qrib ta' Daoud Rajah, ministru tad-difiża Sirjan. Permezz tal-funzjonijiet tiegħu fis-Servizz tal-Intelligence tal-Armata tal-Ajru, Amer al-Achi huwa involut fir-repressjoni tal-oppożizzjoni Sirjana.	24.7.2012

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
23.	Ġeneral Mohammed Ali Nasr (jew: Mohammed Ali Naser)	Data tat-Twelid: madwar 1964	Qrib ta' Maher al-Assad, l-akbar wieħed mill-aħwa tal-president. Għamel il-biċċa l-kbira tal-karriera tiegħu fil-Gwardja Repubblikana. Fl-2010 integra l-fergħa interna (jew il-fergħa 251) tal-Intelligence Ġenerali, li hija responsabbli mill-ġlieda kontra l-oppożizzjoni politika. Bħala wieħed mill-persuni ewlenin responsabbli tagħha, il-Ġeneral Mohammed Ali jipparteċipa direttament fir-repressjoni kontra l-avversarji.	24.7.2012
24.	Ġeneral Issam Hallaq		Kap tal-Istat-Maġġur tal-Armata tal-Ajru sa mill-2010. Jikkmanda l-operazzjonijiet tal-ajru kontra l-avversarji.	24.7.2012
25.	Ezzedine Ismael	Data tat-Twelid: f'nofs is-snin 1940 (probabbilment 1947). Post tat-Twelid: Bastir. Reġjun ta' Jableh.	Ġeneral irtirat u uffiċjal tat-tmexxja storiku tas-Servizz tal-Intelligence tal-Armata tal-Ajru, li kien il-kap tagħha fil-bidu tas-snin 2000. Inħatar kunsillier politiku u tas-sigurtà tal-President 2006. Bħala kunsillier politiku u tas-sigurtà tal-President Sirjan, Ezzedine Ismael huwa involut fil-politika repressiva mir-reġim kontra l-avversarji.	24.7.2012
26.	Samir Joumaa (magħruf ukoll bħala Abou Sami)	Data tat-Twelid: madwar 1962	Ilu madwar 20 sena direttur tal-kabinet ta' Mohammad Nassif Kheir Bek, wieħed mill-kunsillieri tas-sigurtà ewlenin ta' Bachar al-Assad (li għandu uffiċjalment il-kariga ta' viċi tal-Viċi President Farouk al-Chareh). Il-fatt li huwa qrib ta' Bachar al-Asad u Mohammed Nassif Kheir Bek jinvolvi lil Samir Joumaa fil-politika repressiva mir-reġim kontra l-avversarji.	24.7.2012

**Entitajiet**

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Drex Technologies S.A.	Data ta' Inkorporazzjoni: 4 ta' Lulju 2000 Numru ta' Inkorporazzjoni: 394678 Direttur: Rami Makhlof Aġent Irreġistrat: Mossack Fonseca & Co (BVI) Ltd	Drex Technologies hija kompletament proprjetà ta' Rami Makhlof, li huwa elenkat taħt is-sanzjonijiet tal-UE minħabba l-għoti ta' appoġġ finanzjarju lir-reġim Sirjan. Rami Makhlof juża Drex Technologies biex jiffaċilita u jmexxi l-holdings finanzjarji internazzjonali tiegħu, li jinkludu sehem maġġuri minn SyriaTel, preċedement elenkata mill-UE fuq raġunijiet ta' għoti ta' appoġġ finanzjarju lir-reġim Sirjan.	24.7.2012
2.	Cotton Marketing Organisation	Indirizz: Bab Al-Faraj P.O. Box 729, Alep Tel: +96321 2239495/6/7/8 Cmo-aleppo@mail.sy www.cmo.gov.sy	Kumpannija proprjetà tal-Istat. Tipprovdi appoġġ finanzjarju lir-reġim Sirjan.	
3.	Syrian Arab Airlines (a.k.a. SAA, a.k.a. Syrian Air)	Al-Mohafazah Square, P.O. Box 417, Damasku, Sirja Tel: +963112240774	Kumpannija pubblika kkontrollata mir-reġim. Tagħti appoġġ finanzjarju lir-reġim.	24.7.2012